# L-Oqbra tal-Bistra - Mosta



## Tagħrif miġbur minn John SARÈ

L-istudju ta' l-Arkeoloġija tar-rit Kristjan hu relattivament modern. Imma qabel dan l-istudju huma ħafna l-oqbra li ġew mikxufa f'Malta. Il-biċċa l-kbira ta' l-oqbra taħt l-art tal-Maltin għandhom id-dħul minn fuq wiċċ l-art. Dawn jinsabu jew fl-għelieqi jew inkella viċin ħafna ta' triq pubblika. Dawn l-oqbra kienu għal ħafna żmien twil aċċessibbli għall-bdiewa li kienu jaħdmu l-art kif ukoll għall-pubbliku inġenerali.

Lill-bdiewa dawn l-oqbra kienu jinteressawhom minħabba li fihom sabu provvista ta' ġebel. Kienu wkoll mimlija b'ħafna ħamrija fertili u verġni. Lill-pubbliku kienu jinteressawh għax fihom ra l-possibiltà ta' xi teżor. Instabu numru kbir ta' muniti, oġġetti ta' valur imprezzabbli. B'hekk dawn l-oqbra ġew misruqa u vvandlizzati.



## L-arkeoloġisti

L-istudjużi ta' l-arkeoloġija ma kienux ħerqana li jistudjaw u jiktbu fuq l-oqbra ta' l-insara ta' żmien bikri. Kellu jkun Dr. Annetto Caruana li fl-1898 ħareġ monograf bl-isem ta' '*Ancient Pagan Tombs and Christian Cemetries in Malta*'. Dan ħarġu wara li fl-1881 u l-1887 kien eżamina bir-reqqa u wkoll pinġa dawk ta' San Pawl, ta' Sant'Agata, ta' San Katald, ta' Santa Verna, ta' Santa Marija ta' Grotta, Tal-Virtù u l-Abbatija tad-Dejr.

Kien hemm bniedem ieħor li esplora l-oqbra taħt l-art, ġew imnaddfa minnu stess u li għalkemm huma oqbra ta' importanza żgħira, tana stampa ċara u ddettaljata ta' kif kienu dawn l-oqbra. Dan kien Dr. Eric Becker li s-sejbiet u l-osservazzjonijiet tiegħu ġew ippubblikati fil-ktieb interessanti ħafna '*Malta Sotterranea*' li ġie mitbugħ fl-1913. Ma nistgħux inħallu barra bniedem ieħor, Sir Temi Zammit, li ħadd daqsu ma kien metikoluż fir-rapporti tiegħu. Hu ħallielna numru kbir ta' rapporti li fi żmienu dawn kienu jiġu ppubblikati kull sena.

Fi Frar ta' l-1933, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, beda x-xogħol fuq it-twessigħ tat-triq li mir-Rabat tmur lejn San Pawl il-Baħar. Fuq biċċa art watja



u għolja, f'xifer il-blat li kien jaqbeż il-barra mill-ġenb ta' l-irdum, instabu l-oqbra taħt l-art. Dawn kienu fid-distrett tal-Mosta viċin Tarġa Gap. Din il-*plateau* - art watja - hi magħrufa bħala Ta' Bistra. Minħabba li x-xogħol kellu jitkompla, id-Dipartiment tal-Mużew eżamina erba' oqbra li kienu max-xifer tat-triq u wara radamhom biex jitkompla x-xogħol fuq it-triq! Qatt ma' kien hemm rekords ta' dawn l-oqbra ħlief xi ritratt mill-bogħod li kien jieħu Patri Magri.

Sadanittant bdiet it-tfittixija għas-sid jew sidien ta' l-art. Kien ċertu Walter Briffa, li offra l-għajnuna tiegħu biex jitnaddfu u jiġu eżaminati dawn l-oqbra.

Dan ix-xifer ta' blat kien twil madwar 100 metru li mit-triq jaqbad id-direzzjoni lejn il-lvant. L-irdum kien biss 4 metri għoli. L-oqbra kienu mħaffrin fil-*globigerina limestone* - tal-franka. Fil-passat inqata' ġebel minn dawn l-oqbra biex bihom jibnu xi strutturi, bħal ngħidu aħna, ħitan tas-sejjieħ jew xi girna.

Minħabba f'hekk, l-oqbra ġew ivvandalizzati, bħal *amulacra*, jiġifieri kuriduri twal fejn il-ħitan tagħhom ġew mwaqqa'; l-*arcosoglia* ħdejn in-niċeċ fil-kmamar funerarji ġew żarmati u *cubicula* fejn kmamar sħaħ fejn kienu jistrieħu l-mejtin, ġew imħatta u l-ġebel maħruġ il-barra.

Mhux dan biss, imma l-qtugħ tal-ġebel minn dawn l-oqbra baqa' sejjer għal żmien twil, fit-tul tagħhom kollu sa xifer l-irdum! Fi ftit kliem, dawn l-oqbra ġew imkissra u mfarrka.

Minn dak li fadal, nafu li l-Oqbra ta' Bistra kellhom 57 kamra funerarja li 46 minnhom kienu doppji, jiġifieri jieħdu żewġ mejtin kull kamra.

L-oħrajn kienu kmamar funerarji tal-wieħed. Il-kmamar funerarji kollha kienu miġbura flimkien. Il-kmamar kien hemm min kellu entratura rettangulari. Xi oħrajn kellhom daħla fil-forma ta' bokka tal-forn. Zammit kien naddaf u ħa ħsieb li jiġu ppreservati 16-il karma funerarja.

L-oqbra ta' Bistra jixbħu ħafna lil dawk tar-Rabat. Tħaffru fl-istess żmien u żgur fuq l-istess prinċipju.

L-oqbra fil-maġġoranza tagħhom għandhom *arcosoglia*, li f'dawk tar-Rabat huma aktar spissi. U huma mħaffrin f'linja parallela mal-kuritur. Kollha huma fil-forma konkava - *concave* - imħaffrin b'tali mod li jixbħu lill-arzella magħrufa bħala l-moxt tar-ramel - *scallop*.



Qalb dawn l-oqbra, Zammit iltaqa' ma' dak li aħna nafuh bħala l-fonti tal-magħmudija. Dan instab mimli ilma. Naturalment kien dieħel mix-xquq li kien hemm fil-blat!

Fil-bidu tal-Kristjaneżmu f'Malta, dawn il-fonti fi kripti bħal dawn kienu jservu għal ċerimonja reliġjuża. Dawn il-fonti jagħmlu lil Bistra l-aktar oqbra taħt l-art interessanti f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ewwel insara u l-oqbra tagħhom.

Charles Zammit spiċċa r-rapport tiegħu hekk: *This particular crypt with a font, used presumably as an early baptistery, renders the Bistra complex the most interesting cemetery so far discovered in the islands.*



Bħala regola kollha kienu itwal milli wiesgħin - *oblong*. L-iġsma kollha kienu fuq darhom, wiċċhom 'l fuq. Fuq in-naħa ta' ġewwa hemm blata li tieħu post l-imħadda u din għandha kavità li fiha tistrieħ ir-ras. Fejn insibu kmamar funerarji ta' żewġ iġsma, ġieli nsibu mħadda bi tlett kavitajiet. Dan ifisser li dawn il-kmamar ġieli ħadu tliet iġsma kull karma.

Id-daħla tal-kamra funerarja ġeneralment kien ikollha soll imqatta' fil-blat u blata li kienet tiffittja eżatt fil-bokka tal-qabar wara li dan kien jiġi wżat.



L-oqbra ta' Bistra għandhom l-isbaħ *agape tables* li jien qatt iltqajt magħhom. Dawn l-*agape tables* kienu jagħmlu użu minnhom biex ifakkru l-anniversarju tal-mewt. F'waħda mit-taħditiet tiegħu, Keith Buhagiar kien qal li dawn l-anniversarji kienu jsiru għall-ħabta ta' Frar. *Agape* hi kelma Griega li tfisser imħabba.

## Tifsira ta' l-Oqbra

B'kollox taħt l-art hemm 16-il grupp ta' qisien varji. L-ewwel grupp ta' oqbra jinsab fit-tarf nett fuq in-naħa tal-lvant. Biex tasal għal dan il-grupp trid tgħaddi minn kuritur twil tliet metri. Trid tidħol minn fetħa ta' metru u nofs għolja u metru wiesgħa. F'dan



il-kuritur hemm żewġ oqbra, qabar għal ġisem wieħed u l-ieħor jieħu żewġ iġsma.

It-tieni grupp għandu kamra funerarja twila żewġ metri, wiesa' metru u nofs u għolja metru. Dan il-qabar għandu *arcosoglia* fuq ix-xellug u niċċa f'ras il-kamra.

### Sezzjoni AA

It-tielet grupp għandu passaġġ ta' tliet metri bi tlett kmamar funerarji. Żewġ kmamar għandhom *arcosoglia*. Il-kamra tax-xellug hi ta' tlieta u t-tnejn l-oħra huma ta' żewġ iġsma. Minn dawn baqa' biss ftit li xejn, għax il-ġebel ittieħed biex inbnew il-ħitan tas-sejjieħ.



## Sezzjoni BB

Ir-raba' grupp ta' oqbra. Dan il-grupp jinsab f'kuridur twil disa' metri, wiesa' metru u nofs u għoli żewġ metri u ftit. Dan il-kuritur hu mifqugħ għal ġo għalqa. Barra minn hekk, minnu stess joħroġ kuritur ieħor twil żewġ metri u nofs. F'dan il-kuritur, il-Kaptan Zammit naddaf seba' oqbra li fir-rapport tiegħu qal li kienu mħaffra bl-akbar reqqa. Dawn l-oqbra huma mqassma hekk: erbgħa oqbra fuq ix-xellug, tnejn fuq il-lemin u wieħed f'ras il-kuritur. F'dan il-kuritur hemm ukoll qabar imħaffer fl-art. Jidher li kien hemm attentat biex dan il-kuritur jikber għax hemm imħaffrin alkovi li huma l-bidu ta' *arcosoglia* qabel tibda l-kamra funerarja. Fil-kuritur il-qasir hemm kamra funerarja għal tnejn.

Il-ħames grupp ma' baqa' xejn minnu għax l-oqbra kollha ġew vandalizzati.

## Sezzjoni CC

Is-sitt grupp. Fetħa fil-blat għolja żewġ metri u nofs u metru wiesgħa, tiegħdok f'passaġġ twil ta' tliet metri, b'metru wiesa' u żewġ metri u ftit għoli. Fuq il-lemin ta' dan il-passaġġ hemm apside wiesgħa tliet metri. Skond Zammit hi waħda mis-sbieħ li ltaqa' magħhom. Fuq ix-xellug hemm żewġ *arcosoglia* li huma d-daħla għall-kmamar funerarji. F'dawn il-kmamar, l-oqbra huma mħaffra fil-ħajt, metru għoli mill-art.



F'nofs din il-kamra hemm vaska kbira, li Zammit sabha poġġuta f'alkova. Ħdejha hemm dukkiena fuq kull naħa tal-vaska. Din żgur tagħmel parti minn xi rit jew kult reliġjuż. Jekk hu rit Kristjan allura nifhmu li min imexxi r-rit u min ser jirċievi, joqogħdu bil-qegħda wieħed kull naħa.

Fuq in-naħa l-oħra tal-passaġġ hemm fetħa li hi 76ċm wiesgħa u 61ċm għoli. Meta tidħol f'din il-kamra, issib niċċa fonda u post fejn titpoġġa lampa, li t-tnejn li huma qegħdin fuq wara tal-kamra.

Is-seba' grupp jikkonsisti f'żewġ kmamar funerarji, waħda quddiem l-oħra u jinsabu f'kuridur ta' erba' metri tul.

## Sezzjoni DD u EE

It-tmien grupp. Dan il-grupp ta' oqbra qiegħed f'passaġġ twil erba' metri u nofs. Jikkonsisti fi tlett ikmamar ta' żewġ iġsma. Waħda minn dawn il-kmamar kellha tieqa għal ġo għalqa. Fit-tarf tal-kuridur jidher li kien se jinbeda t-tħaffir ta' kamra funerarja oħra.

## Sezzjoni FF

Id-disa' grupp ta' oqbra hu l-iżgħar grupp fosthom kollha. Jikkonsisti f'żewġ oqbra li jinfdu. L-ewwel qabar kellu fetħa f'għalqa. Għandu trinka 1.2 metri twila, 46ċm wiesa' u 61ċm fonda. Il-qabar l-ieħor hu mħaffer fil-blat fuq wara tal-kamra.

Qabel ma' wieħed jaqbad l-għaxar grupp isib li kienu tħaffru żewġ oqbra, wieħed 2.1 metri kwadri bi trinka 1.5 metri twila, 61ċm wiesa' u 31ċm fonda. Il-qabar l-ieħor kien intenzjonat għal ġisem wieħed. Kien imħaffer fil-blat 'l fuq mill-art.

## Sezzjoni GG

L-għaxar grupp għandu passaġġ 2.1 metri tul. Għandu żewġ oqbra mħaffrin fil-ħajt u ieħor imħaffer fuq in-naħa l-oħra. Hawn insibu *arcosoglia* mkissra u taħtha qabar imħaffer fil-blat. Ma' dan il-grupp insibu kamra funerarja rettangulari - 2.1ċm tul, 2.06ċm wiesa' u metru għoli.



L-entratura hi ta' .61ċm wiesa'. Qabar fil-forma ta' arzella jinsab metru u nofs 'l fuq mill-art. Qabar ieħor ħdejn din il-kamra, ma baqa' xejn minnu għax tkisser u l-ġebel inħareġ kollu 'l barra għal xogħlijiet oħra.

## Sezzjoni JJ

Il-ħdax-il grupp huma oqbra li jinsabu f'kamra funerarja li hi rettangulari tliet metri tul, 2.06 metri wiesa' u 2.1 metri għolja.

It-tnax-il grupp qiegħed f'passaġġ 2.3 metri fit-tul. Qabar tħaffer fuq ix-xellug. Fuq il-lemin inbeda t-tħaffir ta' qabar b'*arcosoglia* iżda ma tkompliex għax nifhmu li ma kellux spazju biżżejjed.

**Sezzjoni KK**

It-tlettax-il grupp fih kamra funerarja li d-daqs tagħha hu 2.42 metri fit-tul, 2.1 metri fil-wiesa' u metru fl-għoli. Għandha qabar 'l fuq mill-art. Ma jidhirx li Zammit kejjel l-għoli mill-art. F'dan ir-ritratt naraw li hemm id-dħul għal tmien oqbra li tant huma mkissrin li l-Kaptan Zammit jgħid: *description impossible to be attempted.*

L-erbatax-il grupp għandhom passaġġ twil 2.9 metri. Hemm żewġ oqbra maqtugħin fil-ħajt fuq ix-xellug. Kull qabar jieħu żewġ iġsma. Fuq il-lemin Zammit sab qabar li fi kliemu stess "l-aktar wieħed sempliċi li qatt iltqajt miegħu".

**Sezzjoni LL**

Il-ħmistax-il grupp. L-oqbra hawn instabu kollha mkissrin u mfarrkin. Barra mill-*agape table*, kulma fadal hu passaġġ ta' twil erba' metri. Fadal żewġ *arcosoglia* fuq in-naħa tal-lemin.



**Sezzjoni MM**

Is-sittax-il u l-aħħar grupp. Hawnhekk hawn passaġġ ta' tliet metri fit-tul. Fuq ix-xellug hemm qabar li tidħol għalih minn *arcosoglia*. Hemm qabar imħaffer fil-ħajt fuq wara tal-passaġġ. Fuq il-lemin hemm alkova. F'dan il-grupp ta' oqbra nstabu ħafna fdalijiet ta' għadam uman li Zammit jgħid li ma ħax noti tagħhom. Instabet ras sħiħa ta' skeletru li tidher li kienet ta' raġel avvanzat fiż-żmien. Il-fattizzi tal-wiċċ kienu normali.

Kwantità kbira ta' fuħħar ġiet miġbura. Dan il-fuħħar hu taż-Żmien Ruman. Ħafna oqbra f'Malta kellhom fihom fuħħar ta' dan iż-żmien. Il-ħasra hi li xejn ma nstab sħiħ. Kollox imkisser u mfarrak. La ħġieġ, la għodod u lanqas muniti ma nstabu. Mingħajr tlaqliq, dawn ġew misruqa. F'dan il-grupp instabet biss lampa Rumana, mingħajr maqbad u mingħajr dekorazzjoni.

Waqt li l-Awtorità tat-Trasport kienet għaddejja bi strutturar mill-ġdid tat-triq f'Tarġa Gap, il-Mosta, tfaċċaw oqbra l-ġmiel tagħhom. Dawn l-oqbra ma kienux ġew eżaminati minn ħadd.

Però ta' min jinnota bl-akbar sodisfazzjon il-koperazzjoni li tidher li kien hemm bejn l-Awtorità tat-Trasport u *Heritage Malta*. L-ebda waħda minn dawn iż-żewġ entitajiet ma riedet li dawn jintradmu u jerġgħu jisparixxu. Infatti stqarrija mill-Ministeru li taħtu jaqgħu t-toroq, kienet tgħid li dawn ser jibqgħu mikxufa ħalli jitgawdew minn kulħadd.



Infatti nbidlu partijiet sewwa mill-pjanta tat-triq, ser issir triq b'sens uniku, djieqet parti sostanzjali mit-triq u ser tiġi mposta veloċità limitata baxxa ħafna ħalli ma ssir l-ebda ħsara. Fl-1980, il-gvern ta' dakinhar kellu nkwiet kbir mad-Dipartiment tal-Mużewijiet minħabba li l-gvern ried li jibqa' għaddej bix-xogħol tat-triq. Kienet instabet soluzzjoni billi tpoġġew planki kbar tal-konkrit biex jiġu mħarsa l-oqbra.

Din id-darba dawn l-oqbra kienu aktar fortunati għax mal-kuntratt stipulat fil-protokol Taljan dwar l-għotja ta' flus għall-immodernizzar tat-triq, hemm imniżżel li t-triq tiġi strutturata bil-ħsieb li jiġi mħares l-ambjent. Illum (Novembru 2005) jidher li x-xogħol hu wieqaf. Ħaddiema m'hemmx. L-inġenji huma mitluqin għal rashom. Imma l-aktar ħaġa tal-biki hi li l-ħofra ta' l-oqbra bdiet timtela' bil-ħmieġ u l-imbarazz. Illum diġà tikkwalifika għall-isem ta' *Bistra Refuse Dump*. Ħsiebi jmur lejn il-Kaptan Charles Zammit. Min jaf kif kien jaġixxi?!

Grazzi minn qalbi ta' l-għajnuna li sibt minn Sharon Sultana mill-Mużew ta' l-Arkeoloġija u lil Victor B. Caruana, mill-Mosta, li ġibidli r-ritratti. Grazzi wkoll lill-Fondazzjoni Patrimonju Malti għar-ritratti ta' l-Agape u l-Oqbra ta' taħt it-triq.

**Bibblijografija:**

a) Bonanno Anthony: *Rituals of Life and Rituals of Death; Malta Before History*; Daniel Cilia, *editor; Miranda Publishers* - 2004.

b) Caruana Annetto: *Ancient Pagan Tombs and Christian Cemetries in the Islands of Malta, explored and surveyed from the year 1881 to the year 1897*; *Government Printing Office* - 1898.

c) Sant Michael A: *Mosta through the Ages; Mosta, the Heart of Malta*; Louis J Scerri, *editor*; *Midsea Publications/Vassallo Builders Group* -1996.

d) Stoddart Simon: *Mortuary Customs in Prehistoric Malta; Facets of Maltese Prehistory*; Anton Mifsud and Charles Savona Ventura, *editors; Prehistoric Society of Malta* – 1999.

e) Trump David H: *Rock-cut Tombs; Malta, Prehistory and Temples; Malta's Living Heritage*; *Midsea Books* – 2002.